24 ta' Gunju, 1961

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija

versus

George Tabone

Riċettazzjoni — Element Intenzjonali.

L-element tar-"scienter" huwa meħtieġ għall-integrazzjoni tar-reat ta' riċettazzjoni. Dan l-element jista' jirriżulta miċ-ċirkostanzi tal-każ partikulari; imma is-semplici suspett li jiġi fl-akkużat dwar il-provenjenza leġittima jew le, tal-oġġett li jkun ser jixtri jew jilqa', minghajr ma jaghmel il-verifika meħtieġa dwar dik il-provenjenza, huwa prova biżżejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat.

Il-Qorti:— Rat l-atti kompilati kontra George Tabone quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja, fuq l-imputazzjoni talli f'Każal Pawla u fi tnadijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar sitt xhur, xjentement laqa' għandu, jew xtara ħwejjeġ misruqa li l-valur tagħhom hu iżjed minn £3 iżda anqas minn £10; liema ħwejjeġ kienu meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat;

Rat in-nota tal-Attorney General tat-12 ta' April 1961 li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lura lil dik il-

Qorti Ħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ħalli l-istess tiddeċidi dwar ħtija ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub fl-art. 348(a) tal-Kodiċi Kriminali, b'riferenza għall-art. 298 tal-Kodiċi Kriminali, u fil-Government Notice nru. 337 tal-1940, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza tal-Qorti l-aħħar imsemmija tal-5 ta' Mejju 1961, li biha sabet lil George Tabone ħati talli xjentement ħaqa' għandu u xtara kwantità ta' fliexken tal-ħalib misruqa, li l-valur tagħhom ma jeċċedix it-£3; liema ħalib kien ġie akkwistat b'serq; u ordnat li l-imsemmi George Tabone jiġi liberat taħt il-provvediment tal-art. 23(2) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi dikjarat mhux ħati;

Trattat l-appell.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti ma għandha xejn xi żżid utilment malmotivi elaborati mill-Ewwel Qorti. L-element tax-"scienter", kif inhu meħtieġ f'dan ir-reat, jirriżulta soddisfaċentement miċ-ċirkustanzi enumerati fis-sentenza appellata. Dawn iċ-ċirkustanzi evidentement inġeneraw suspett fl-istess appellant, li staqsa lill-bejjiegħ jekk il-ħalib kienx misruq u ma staqsa xejn aktar. Imma kkuntenta bir-risposta, għal kollox insoddisfaċenti, tal-bejjiegħ, li ċjoè dak il-ħalib kien "il-fdal mill-bejgħ tal-ħalib". Qal Lord Hewart, fil-kawża "Evans v. Dell" (1937) 1 All Eng. L. Rep. 349, segwit mill-Imħallef Devlin in Roper v. Taylor Ltd. (1951, 2T.L.R. 284), "the respondent deliberately refrained from making enquiries the result of which he might not care to have". U Lord Summer qal (The Zamora, 1921, 1.A.C. at page 812 (p.C.) & All Eng Law Rep. 1950. pp. 365-366):— "On the other hand, a man is said not to know because he does not want to know, where the substance of the thing is borne in upon his mind with a conviction that full details or precise proofs might be dangerous, because they may embarass his denials or com-

promise his protests. In such a case, he flatters himself that where ignorance is bliss it is folly to be wise; but there he is wrong, because he has been put upon notice, and his further ignorance is a mere affection and disguise";

Jgħid Glanville Williams, Crim. Law, Gen. Part. p. 41, p. 127, li f'każ simili "..... there is suspicion which the defendant deliberately omits to turn into certain knowledge. This is frequently expressed by saying that he shut his eyes to the fact, or that he was 'wilfully blind' ";

L-istess awtur jgħid (loc. ċit.) :— "On a charge of receiving it is sufficient that the accused believed the goods were stolen, i.e. probably stolen";

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, li huma adotti, din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.